MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 65/2003

**Central Cigarette Company Limited**

**vs**

**Lomags Limited**
**Rita Anne sive Ritianne Bigeni**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Jintalab illi il-konvenuti jew min minnhom jigu ikkundannati jhallsu l-ammont ta' mitejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm222.10), liema ammont huwa l-bilanc dovut minnhom jew minn min minnhom in rigward ghal *commission* lilhom imhallsa minn qabel in rigward ghall-bejgh mill-magni tas-sigaretti gewwa l-fond *Il-Grokk*, ta' Level 0, Baystreet, San Giljan, liema ammont ghandhom jirrifondu lis-socjeta' attrici minhabba l-fatt illi l-ftehim skritt bejniethom datat it-8 ta' Frar 2002 dwar il-magna tas-sigaretti kien illi l-ammont ta' LM415.00 kien

qieghed jithallas lilhom minn qabel bil-patt u kundizzjoni illi kellhom jinbieghu erbat elef mija u hamsin (4,150) pakkett tas-sigaretti fi zmien sena mit-8 ta' Frar 2002 meta fil-fatt inbieghu biss elf, disa' mija u disgha u ghoxrin (1,929) pakkett. Jirrizulta ukoll illi l-konvenuti ma ghandhomx joperaw mill-imsemmi fond u ghalhekk l-ammont ta' 1,929 pakkett mibjugh mhuwiex sejjer jizdied, apparti mill-fatt illi ghalqet ukoll is-sena tal-ftehim illi fiha kellu jsir il-bejgh ta' l-4,150 pakkett.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-10 ta' April 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra il-konvenuti illi huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

Ill s-socjeta' konvenuta minghajr pregudizzju lesta li thallas parti mill-ammont mitlub fl-avviz li jirrapprezenta l-pakketti ta' sigaretti effettivament mibjugha sakemm is-socjeta' konvenuta giet abbusivament zgumbrata mill-post fejn l-istess socjeta' kienet topera u fejn effettivament kienu jinsabu l-magni tas-sigaretti;

Illi salv ghall-premess is-socjeta' konvenuta qed tirrespingi l-pretensjonijiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ma tistax tigi mgieghla thallas ghal sigaretti li fil-fatt ma gewx mibjugha mis-socjeta' konvenuta izda minn terzi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Stante l-ammissjoni mill-konvenuti li pero' talbu li jinghataw zmien ghall-hlas.

Jilqa' t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ghall-hlas tas-somma ta' LM222.10 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-10.04.03 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kunsinna sad-data tal-hlas effettiv. Il-hlas tas-sorte u spejjez ghandhom isiru sa mhux iktar tard mill-ahhar ta' Marzu 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------